



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.10.2017  
COM(2017) 586 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-  
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tat-Tielet Programm tas-Saħħa 2014-2020 skont ir-  
Regolament (UE) Nru 282/2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-  
Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020)**

{SWD(2017) 331 final}

{SWD(2017) 333 final}

## 1. DAĦLA

Dan ir-rapport jippreżenta fil-qosor il-konklużjonijiet ewlenin mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tat-Tielet Programm tas-Saħħa skont l-Artikolu 13(3)(c) tar-Regolament (UE) Nru 282/2014<sup>1</sup>. Ir-rapport jippreżenta wkoll ideat biex titjeb l-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu ta' programmazzjoni li fadal (2018 – 2020). Ir-rapport huwa akkumpanjat minn dokument ta' ħidma tal-persunal dettaljat.

## 2. X'INHU T-TIELET PROGRAMM TAS-SAĦĦA

It-Tielet Programm tas-Saħħa hu strument finanzjarju settorjali taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020, stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 282/2014. Isaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika tas-saħħa tal-UE sabiex jikkumplimenta, jappoġġja u jżid il-valur tal-politiki nazzjonali tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, jirrispetta bis-sħiħ l-awtonomija tagħhom biex jiddefinixxu l-politiki tas-saħħa tagħhom stess u biex jorganizzaw u jwasslu servizzi tas-saħħa u kura medika fit-territorju tagħhom. Jappoġġja wkoll l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-saħħa tal-UE.

Il-Programm, li għandu baġit totali ta' EUR 449,4 miljun fuq perjodu ta' seba' snin, jaqdi l-ħtiġijiet tal-Istati Membri taħt prijoritajiet komprensivi:

- ir-rabta bejn l-istat tas-saħħa tal-popolazzjoni u l-kontribut tiegħu għat- tkabbir u għall-impjiegi permezz tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-produttività tax-xogħol;
- investment fis-saħħa bħala sors ta' prosperità ekonomika u koeżjoni soċjali;
- sfidi tas-soċjetà (bħat-tixjiħ demografiku; l-inugwaljanza, il-piż tal-mard kroniku, l-effettività u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa).

### 2.1. Għanijiet u prijoritajiet

Il-Programm huwa mfassal biex jikkumplimenta, jappoġġja u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri. L-għan ewlieni hu li jtejjeb is-saħħa tal-Ewropej u jnaqqas l-inugwaljanzi billi jippromwovi s-saħħa, iħeġġeġ l-innovazzjoni, itejjeb is-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u jipproteġi lill-Ewropej minn theddid transkonfinali serju għas-saħħa. Dan jista' jiġi mfisser bħala erba' objettivi speċifiċi:

---

<sup>1</sup> <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32014R0282>

- (a) il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u t-trawwim ta' ambjenti li joffru appoġġ għal stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa,
- (b) il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni minn theddid transkonfinali serju għas-saħħa,
- (c) il-kontribuzzjoni għal sistemi tas-saħħa innovattivi, effiċjenti u sostenibbli, kif ukoll
- (d) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-kura tas-saħħa aħjar u aktar sigura għaċ-ċittadini tal-Unjoni.

Il-Programm jiffoka fuq kwistjonijiet fejn hemm il-potenzjal li jiġi ġġenerat valur miżjud tal-UE u li ssir kontribuzzjoni reali għall-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni.

### **KONTRIBUZZJONIJET TAL-PROGRAMM TAS-SAĦĦA GĦALL-PRIJORITAJIET TAL-KUMMISSJONI**

- “tkabbir, impjiegi u soċjetà reżiljenti”: **is-saħħa tal-popolazzjoni u s-servizzi tal-kura tas-saħħa bħala fattur produttiv għat-tkabbir u għall-impjiegi,**
- “suq diġitali uniku”: **is-Saħħa elettronika,**
- “suq intern”: azzjonijiet li jappoġġjaw il-leġiżlazzjoni tal-UE **dwar it-tabakk, il-farmaċewtiċi, l-apparat mediku, id-direttiva dwar il-kura tas-saħħa transfruntiera, u l-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa,**
- “ġustizzja u drittijiet fundamentali”: il-ġlieda kontra **l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa,**
- il-politika dwar il-“migrazzjoni”: **azzjonijiet dwar il-migranti u r-refuġjati; u**
- “Sigurtà fl-Ewropa”: **it-tnejn u l-ġestjoni ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa.**

Il-programm jgħin ukoll lill-Istati Membri jilħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDG) tagħhom, b'mod partikolari l-SDG 3 “Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età”<sup>2</sup>.


## **2.2. Implimentazzjoni tal-Programm fl-2014-2016**

Il-Programm jitmexxa mill-Kummissjoni u jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma annwali, li jiġu adottati wara l-approvazzjoni minn kumitat tal-programm magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri. L-ippjanar pluriennali jiżgura li l-prijoritajiet tematiki kollha jiġu koperti u li r-riżorsi disponibbli jiġu allinjati mal-prijoritajiet u mal-azzjonijiet. L-implimentazzjoni tiġi fdata lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel (CHAFFA).

Il-baġit ġie attribwit fost it-23 prijorità tematika (Figura 1).

<sup>2</sup> COM (2016) 739 final

Figura 1: Attribuzzjoni tal-baġit skont il-prijoritajiet tematiċi fl-2014-2016



L-azzjoni dwar il-migranti u r-refuġjati tolgot diversi oqsma ta' azzjoni bħall-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa, il-mard kroniku, is-saħħa mentali, il-mard li jittieħed u l-informazzjoni dwar is-saħħa. Jekk titqies bħala entità waħda, l-azzjoni dwar il-migranti u r-refuġjati tirrappreżenta investiment fis-saħħa pubblika ta' EUR 14,4-il miljun (EUR 9,5 miljun ffinanzjati taħt attivitajiet orizzontali, EUR 3,5 miljun oħra taħt bini ta' kapaċità (il-prijorità 2.2) u EUR 1,4 miljun taħt il-prijorità tal-informazzjoni tas-saħħa (il-prijorità 3.7).

Bis-EUR 7,8 miljun li jifdal taħt attivitajiet orizzontali, il-Programm jappoġġja attivitajiet għall-manutenzjoni u għal-liċenzja ta' teknoloġiji tal-informazzjoni (eż. is-sit web tas-Saħħa Pubblika tal-Kummissjoni Ewropea, il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa), komunikazzjoni dwar il-politiki tas-saħħa tal-UE u d-disseminazzjoni tar-risultati tal-Programm permezz ta' strument bħall-bullettin dwar is-Saħħa tal-UE, u l-Premju annwali dwar is-Saħħa tal-UE għal organizzazzjonijiet

mhux governattivi li l-missjoni tagħhom hi li jagħtu kontribut għas-saħħa pubblika. Il-premju ntrebaħ minn NGOs li x-xogħol tagħhom kellu impatt waqt il-kriżi tal-Ebola fl-2015<sup>3</sup>, ta kontribut għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi fl-2016<sup>4</sup>, u ppromwova t-tilqim fl-2017<sup>5</sup>.

Fil-Programm jipparteċipaw it-28 Stat Membru tal-UE, kif ukoll iż-żewġ pajjiżi tal-EFTA, in-Norveġja u l-Iżlanda. Is-Serbja u l-Moldova wkoll ilhom jipparteċipaw mill-2016 u l-Bożnija-Ħerzegovina ssieħbet f'April 2017<sup>6</sup>. Il-kandidati u l-kandidati potenzjali u l-kandidati mill-pajjiżi ġirien wrew interess dejjem akbar fil-Programm u dan jista' jitqies bħala sinjal li l-Programm iqajjem interess li dejjem qiegħed jiżdied għal dawk il-pajjiżi li ddeċidew li jallinjaw il-politiki tas-saħħa tagħhom ma' dawk tal-UE.

### 3. L-EVALWAZZJONI TA' NOFS IT-TERMINU

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu li saret fl-2016-2017 primarjament iffukat fuq ir-rilevanza tal-prijoritajiet tematiċi, l-ilħuq tal-oġġettivi u l-effettività tal-ġestjoni tal-Programm. Madankollu, ittrattat ukoll kwistjonijiet oħra bħall-użu effiċjenti tar-riżorsi, il-valur miżjud tal-UE tal-Programm u l-koerenza interna u esterna tiegħu. L-evalwazzjoni kienet ibbażata fuq studju estern u inkludiet konsultazzjoni pubblika mituħa, fejn it-tweġibiet tal-133 parteċipant tagħha kkontribwew għall-konklużjonijiet finali tal-evalwazzjoni.

Biex tikkonforma mal-obbligu legali<sup>7</sup>, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu saret pjuttost kmieni fil-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Programm, u kien għadu mhux possibbli li ssir valutazzjoni kwantitattiva dwar jekk l-oġġettivi tal-Programm kinux intlaħqu. L-azzjonijiet<sup>8</sup> taħt l-ewwel sena tal-Programm, li beda kmieni fl-2015, kienu mistennija biss li jwasslu r-riżultati interim tagħhom mhux qabel it-tmiem tal-2016. Madankollu, tista' tintuża serje ta' studji tal-każijiet fuq 29 azzjoni (li jikkorrispondu għal tmien prijoritajiet tematiċi, tnejn għal kull oġġettiv tal-Programm) bħala bażi għall-evalwazzjoni. Dawn l-istudji tal-każijiet ipproduċew biżżejjed evidenza fuq il-benefiċċji u l-benefiċċji potenzjali tal-azzjonijiet iffinanzjati.

---

<sup>3</sup> L-ewwel premju ngħata lil The Alliance for International Medical Action (ALIMA), it-tieni premju lil Concern Worldwide u t-tielet premju lil Spanish Red Cross.

<sup>4</sup> L-ewwel premju ngħata lil BEUC/l-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi, it-tieni premju lil Alliance to Save our Antibiotics – Compassion in world Farming – Soil Association, u t-tielet premju lil: World Alliance Against Antibiotic Resistance WAAAR

<sup>5</sup> Id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet: 30 ta' Ġunju 2017.

<sup>6</sup> Din il-parti ta' l-evalwazzjoni ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu.

<sup>7</sup> L-Artikolu 13(3)(c) tar-Regolament (UE) Nru 282/2014 għal evalwazzjoni ta' nofs it-terminu sat-30 ta' Ġunju 2017.

<sup>8</sup> Il-parti l-kbira tal-azzjonijiet għandhom ħajja ta' tliet snin bl-eċċezzjoni tal-għotjiet operattivi, tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku u xi proġetti għall-migranti fl-aħħar tal-2015, li kellhom durata ta' sena.

### 3. 1. Riżultati u kisbiet ewlenin

Wara tliet snin ta' implimentazzjoni tal-Programm, l-evalwazzjoni tikkonkludi li l-parti l-kbira tal-azzjonijiet iffinanzjati mexjin tajjeb biex jagħtu riżultati promettenti, filwaqt li xi oħrajn għadhom kif jibdew. Xi eżempji ta' prijoritajiet taħt kull wieħed mill-oġettivi tal-Programm huma:

#### 3. 1. 1. Promozzjoni tas-Saħħa u prevenzjoni tal-mard

Il-Programm appoġġja l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz tal-ġenerazzjoni, l-użu, il-qsim u l-iskambjar tal-għarfien u tal-aqwa prattiki. Dan jikkonforma mal-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU) u jkkontribwixxi għall-kisba tal-SDG 3 biex "jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età"<sup>2</sup>.

Il-Kummissjoni, b'mod konġunt mal-OECD u mal-Osservatorju Ewropew għas-Sistemi u għall-Politiki tas-Saħħa, qed tiġbor flimkien għarfien espert fiċ-ċiklu tal-*Istat tas-Saħħa fl-UE* biex issaħħaħ l-għarfien fis-saħħa speċifiku għall-pajjiżi u fl-UE, fejn tappoġġja l-Istati Membri fit-fassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza tagħhom. Dan iċ-ċiklu rikorrenti ta' sentejn ta' senserija tal-għarfien jinkludi r-rapport *Ħarsa fuq fuq lejn is-Saħħa: Ewropa*<sup>9</sup>, 28 profil tal-pajjiż, Rapport ta' Akkumpanjament u skambji volontarji li l-Istati Membri jistgħu jitolbu.

Filwaqt li finalment, il-proġett BRIDGE<sup>10</sup> itejjeb l-informazzjoni dwar is-saħħa bbażata fuq iċ-ċiklu tal-*Istat tas-Saħħa fl-UE*, jiġbor flimkien għarfien espert fil-qasam tal-monitoraġġ tal-popolazzjoni u tas-sistema tas-saħħa, bl-għan li jistabbilixxi sistema ta' informazzjoni sostenibbli u integrata dwar is-saħħa tal-UE.

L-iskambju tal-aqwa prattiki deher ukoll fil-qalba ta' diversi azzjonijiet kofinanzjati, f'oqsma diversi bħall-prevenzjoni tal-HIV/AIDS u tat-TB<sup>11</sup> jew it-tnaqqis tal-ħsara tal-alkoħol<sup>12</sup>. Azzjonijiet oħra huma relatati ma':

- (a) l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' gwida ta' referenza online ospitata miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni bħala kamra tal-ikklijar unika (*one-stop*) għal informazzjoni indipendenti, affidabbli u aġġornata dwar varjetà ta' suġġetti relatati man-nutrizzjoni, mal-attività fiżika u mal-prevenzjoni ta' kundizzjonijiet kroniċi;
- (b) l-EU-Compass għal Azzjoni dwar is-Saħħa u l-Benesseri Mentali<sup>13</sup> li hu mekkaniżmu bbażat fuq il-web li jintuża biex jinġabar l-iskambju tal-aqwa prattiki u biex tiġi analizzata informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' politika u tal-partijiet ikkonċernati fis-saħħa mentali;
- (c) l-iskema Ewropea għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għal servizzi tal-kanċer tas-sider<sup>14</sup>, u l-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida Ewropej dwar il-Kanċer tas-Sider<sup>15</sup>,

<sup>9</sup> [http://ec.europa.eu/health/state/glance\\_mt](http://ec.europa.eu/health/state/glance_mt)

<sup>10</sup> <http://www.bridge-health.eu/>

<sup>11</sup> <https://e-detecttb.eu/>

<sup>12</sup> <http://www.rarha.eu/Pages/default.aspx>

<sup>13</sup> [http://ec.europa.eu/health/sites/health/files/mental\\_health/docs/ev\\_20161006\\_co05\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/health/sites/health/files/mental_health/docs/ev_20161006_co05_en.pdf)

- (d) in-Netwerk Ewropew tar-Reġistri tal-Kanċer<sup>16</sup>, li jagħtu servizz ta' "senserija tad-data" biex jiżguraw l-integrità ta' sett ta' data wieħed Ewropew għal skopijiet differenti; u
- (e) it-tieni rapport li ġie ppubblikat reċentement dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskrinjar tal-kanċer fl-Unjoni Ewropea<sup>17</sup>.

### 3. 1. 2. Tnejn u għestjoni ta' kriżijiet

L-attivitajiet biex jiġi appoġġjat il-bini ta' kapacià kontra theddid għas-saħħa għenu biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jitjiebu l-kapaċitajiet, li wasslu valur miżjud għall-UE u għall-komunità internazzjonali usa'. Dawn servew biex jiġu identifikati nuqqasijiet fil-kapaċitajiet tal-Istati Membri, jipprioritizzaw l-azzjonijiet u jimplementaw attivitajiet ta' bini ta' kapacià biex jimtlew dawk in-nuqqasijiet, u taw ukoll sett ta' għodod u linji gwida, iprovdew taħriġ u ttestjar tal-mekkaniżmi tat-tnejn u tar-rispons tal-UE u kkordinaw eżerċizzji ta' assigurazzjoni tal-kwalità esterni. B'dawn l-attivitajiet kien possibbli wkoll li jiġu kondiviżi lezzjonijiet li nkisbu waqt tifqigħat riċenti.

Waqt it-tifqigħat tal-virus tal-Ebola u taz-Zika, il-programm intuża biex jappoġġja attivitajiet iffinanzjati mill-UE biex tiġi limitata l-firxa ta' dan it-theddid billi jissaħħu t-tnejn u r-rispons tal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-azzjonijiet tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa (skrinjar tad-dħul, evakwazzjonijiet mediċi, prevenzjoni tat-trażmissjoni f'kuntasti tat-trasport u ta' spartarjiet).

Eżempji ta' azzjoni ulterjuri jinkludu l-implimentazzjoni tal-akkwist konġunt tat-tilqim<sup>18</sup> u kontromiżuri mediċi<sup>19</sup>; u t-titjib fil-kapacià tal-laboratorji<sup>20</sup> biex riskji ġodda jew emerġenti jiġu skoperti malajr u jiġu żgurati standards uniformi għall-ittestjar.

Il-Programm wera l-kapaċitajiet u l-flessibilità tiegħu meta ġie ttestjat waqt l-influss għoli mingħajr preċedenti ta' refuġjati fl-2015-2016. Hu pprova pedament għall-pajjiżi ġirien u għall-Uffiċċju tal-Migrazzjoni internazzjonali biex jaħdmu flimkien biex iżidu s-sensibilizzazzjoni u biex isaħħu l-impenn tagħhom biex itejbu s-saħħa materna u l-kura tas-saħħa għal refuġjati u nisa migranti. Il-Programm kien strumentali wkoll biex jgħin jiżviluppa u jimplementa pjanijiet direzzjonali u mudelli biex jitjieb l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal immigranti u refuġjati

<sup>14</sup> <https://ec.europa.eu/jrc/en/event/workshop/european-quality-assurance-scheme-breast-cancer-services>

<sup>15</sup> <http://ecibc.jrc.ec.europa.eu/european-guidelines>

<sup>16</sup> <http://www.enrc.eu/>

<sup>17</sup> [https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/major\\_chronic\\_diseases/docs/2017\\_cancerscreening\\_2n\\_dreortimplementation\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/major_chronic_diseases/docs/2017_cancerscreening_2n_dreortimplementation_en.pdf)

<sup>18</sup> [http://ec.europa.eu/health/sites/health/files/preparedness\\_response/docs/jpa\\_agreement\\_medicalcountermeasures\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/health/sites/health/files/preparedness_response/docs/jpa_agreement_medicalcountermeasures_en.pdf)

<sup>19</sup> [https://ec.europa.eu/health/preparedness\\_response/key\\_documents\\_mt](https://ec.europa.eu/health/preparedness_response/key_documents_mt)

<sup>20</sup> [http://www.emerge.rki.eu/Emerge/EN/Home/Homepage\\_node.html](http://www.emerge.rki.eu/Emerge/EN/Home/Homepage_node.html)

vulnerabbli fl-Ewropa u biex jagħti rakkomandazzjonijiet, gwida teknika u taħriġ<sup>21</sup> lil professjonisti fil-kura medika u lil uffiċjali tal-infurzar tal-liġi li fil-livell lokali jaħdmu ma' migranti/refuġjati.

### 3. 1. 3. Innovazzjoni fis-sistemi tas-saħħa

Il-Programm jaħdem f'sinerġija ma' Programmi oħra tal-UE u linji ta' politika differenti biex tiżdied l-effiċjenza tan-nefqa tal-UE u jiġi massimizzat l-impatt tiegħu:

L-Azzjoni Konġunta li tappoġġja n-Netwerk tas-Saħħa Elettronika<sup>22</sup> dwar l-interoperabbiltà u l-istandardizzazzjoni għall-iskambju transfruntier tad-data dwar is-saħħa tippermetti l-kompatibbiltà mar-rekwiżiti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa<sup>23</sup> u għalhekk tippromwovi infrastrutturi ta' servizz diġitali fis-saħħa pubblika. Il-kollaborazzjoni fost il-korpi tal-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa tal-UE<sup>24</sup> tat għodod u standards komuni, li joffru potenzjal għal ekonomiji ta' skala sinifikanti. Is-sostenibbiltà tan-netwerk u l-użu nazzjonali mtejjeb jinsabu fil-qalba tal-Azzjoni Konġunta attwali, li tappoġġja miri ewlenin tal-politika bħall-aċċessibilità, il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa.

### 3. 1. 4. Aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sigura

24 Netwerk Ewropew ta' Referenza<sup>25</sup> għal mard rari ġew stabbiliti biex jgħaqqdu l-għarfien espert ta' aktar minn 300 fornitur tal-kura tas-saħħa u 900 ċentru ta' għarfien espert madwar l-Ewropa u jagħmluh disponibbli għal pazjenti b'mard serju, li spiss isibuha diffiċli jekk mhux impossibbli li jsibu għarfien speċjalizzat u kura tas-saħħa qrib id-dar tagħhom. Biex janalizzaw mill-ġdid id-dijanjożi u t-trattament ta' pazjent, il-koordinaturi ser ilaqqgħu bord konsultattiv "virtwali" ta' tobba speċjalisti f'dixxiplini differenti, bl-użu ta' pjattaforma tal-IT iddedikata u għodod tat-telemediċina. Il-ġbir flimkien tal-għarfien, l-għarfien espert u r-riżorsi fl-UE jgħin biex il-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja tkun aċċessibbli għal kulħadd u jgħin inaqqas l-inugwaljanzi tas-saħħa kemm fl-Istati Membri tal-UE kif ukoll bejniethom. Fis-snin li ġejjin, dan il-kunċett jista' jikber biex jinkludi mhux biss mard rari iżda anki kundizzjonijiet kumplessi oħrajn.

Il-Programm għandu rwol ċentrali wkoll fl-indirizzar tar-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (AMR) billi jiddefinixxi approċċi komuni biex issir għieda kontra l-AMR u biex jiġu kkontrollati infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa f'konformità mal-politiki internazzjonali tal-UE li għaddejjin bħalissa, b'mod partikolari l-SDG 3<sup>2</sup>.

<sup>21</sup> Il-materjal għat-taħriġ u informazzjoni oħra relatata huma ppubblikati fuq il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa fuq: <https://webgate.ec.europa.eu/hpf/>

<sup>22</sup> <http://jasehn.eu/index.php/about-jasehn/background/>

<sup>23</sup> <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/connecting-europe-facility>

<sup>24</sup> <http://www.eunetha.eu/>

<sup>25</sup> [https://ec.europa.eu/health/ern/networks\\_mt](https://ec.europa.eu/health/ern/networks_mt)



### 3. 1. 5. Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa

Sabiex tilħaq l-oġġettivi tagħha u jkollha l-impatt mistenni tagħha, il-leġiżlazzjoni tal-UE spiss teħtieġ appoġġ biex b'mod konsistenti timplimentaha fl-Istati Membri kollha. L-iżvilupp ta' standards u linji gwida komuni jinsab fil-qalba ta' diversi azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm tas-Saħħa, jekk hux għal skopijiet ta' rappurtar, biex isiru awditi u spezzjonijiet, għall-awtorizzazzjoni tal-operat jew għal sistemi ta' viġilanza.

Diversi azzjonijiet appoġġjaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar sustanzi ta' oriġini umana permezz ta' inizjattivi bħall-iżvilupp ta' pjattaforma tal-IT biex jiġi permiss l-iskambju ta' organi bejn l-Istati Membri; it-titjib ta' sistema ta' informazzjoni u skambju tad-data supranazzjonali dwar id-donazzjoni ta' organi ħajjin; l-ottimizzazzjoni tal-proċess għad-donazzjoni tal-organi *post-mortem* fi sptarijiet billi jippermettu l-kooperazzjoni bejn professjonijiet tal-kura kritika u koordinaturi tat-trapjant ta' donaturi; u t-titjib tal-linji gwida ta' spezzjoni għal stabbilimenti tad-demm u tat-tessuti.

Diversi azzjonijiet taw appoġġ għat-tnejn ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk, inklużi diversi studji<sup>26</sup> u analiżi ta' implimentazzjoni għas-sistema futura tal-UE għal karatteristiċi ta' traċċabilità u sigurtà fil-qasam tal-prodotti tat-tabakk. L-Azzjoni Konġunta SCOPE<sup>27</sup> żviluppat kurrikulu u sett sħiħ ta' materjal ta' bini ta' kapaċità u ta' taħriġ biex jingħata appoġġ lil regolaturi nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-farmakoviġilanza<sup>28</sup> tal-2012.

### 3. 2. Tagħlimiet miksuba

#### ➤ Il-Programm hu rilevanti ħafna għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u l-oġġettivi stabbiliti huma ċari, espliċiti u speċifiċi

It-23 prijorità tematika jgħinu jiffukaw aħjar l-azzjonijiet tal-Programm u jevitaw trikkib u duplikazzjonijiet potenzjali fost l-oġġettivi differenti. Fl-istess waqt, dawn il-prijoritajiet tematiċi għandhom il-flessibilità li jippermettu sinerġiji li f'ċerti każijiet ikun ċar li jkunu meħtieġa. Pereżempju azzjonijiet għal migranti u refuġjati, żona li fiha d-disinn tal-Programm wera li huwa flessibbli u suffiċjenti. Madankollu, fil-futur il-Programm jista' jibbenefika minn aktar koerenza u rfinament.

L-azzjonijiet iffinanzjati taħt l-ewwel tliet snin huma rilevanti wkoll għal oġġettivi u prijoritajiet speċifiċi tal-Programm. Huma jibbenefikaw mid-disinn tal-Programm permezz ta' allinjament aħjar tal-oġġettivi u r-riżultati tagħhom stess mar-rekwiżiti ta' implimentazzjoni tajba tal-Programm. Madankollu, xi azzjonijiet taħt prijoritajiet usa' li mhumiex marbutin mal-leġiżlazzjoni tal-UE, u/jew mekkaniżmu ta' finanzjament miftuħa, bħal għotjiet operattivi, jista'

<sup>26</sup> [https://ec.europa.eu/health/tobacco/key\\_documents\\_en#anchor0](https://ec.europa.eu/health/tobacco/key_documents_en#anchor0)

<sup>27</sup> <http://www.scopejointaction.eu/>

<sup>28</sup> [https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/files/eudralex/vol-1/reg\\_2010\\_1235/reg\\_2010\\_1235\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/files/eudralex/vol-1/reg_2010_1235/reg_2010_1235_mt.pdf)

jkollhom nuqqas ta' konċentrazzjoni u jistgħu jirriskjaw li jiddevjaw mill-oġġettivi inizjali tagħhom. F'dawn il-każijiet, għandha tingħata attenzjoni partikolari waqt il-fażi tal-ippjanar, u l-azzjonijiet inkwistjoni għandhom jiġu mmonitorjati u evalwati fi żmien tajjeb biex tittieħed kwalunkwe miżura korrettiva meħtieġa.

### ➤ **It-tmexxija tal-Programm saret dejjem aktar effettiva**

Il-Programm ġie strutturat mill-ġdid wara l-esperjenza mill-implimentazzjoni taż-żewġ programmi preċedenti (l-ewwel programm fl-2002-2007 u t-tieni wieħed fl-2008-2013). L-oġġettivi tiegħu ġew stabbiliti b'mod espliċitu u prattiku ħafna, fejn tħabbar it-tip ta' riżultati mistennija u ġew pprovdu indikaturi biex jitkejjel il-progress.

Il-Programmi ta' Ħidma Annwali huma stabbiliti fuq il-bażi ta' eżerċizzju ta' ppjanar pluriennali preliminari, li jissodisfa kriterji speċifiċi stabbiliti fir-Regolament dwar il-Programm (l-Anness II). Il-proċess biex jiġu definiti l-Programmi ta' Ħidma Annwali jaħdem sew u l-konsultazzjoni mal-Istati Membri sseħħ b'mod ċar, trasparenti u ekwu. L-ippjanar pluriennali wera li hu għodda ta' valur biex jagħti ħarsa aktar strateġika tal-ippjanar ta' nofs it-terminu u biex jippermetti l-adozzjoni aktar tajba tal-Programmi ta' Ħidma annwali u biex jillimita n-numru ta' emendi. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati jixtiequ jkollhom aktar opportunitajiet biex jiddeterminaw il-prijoritajiet annwali u l-azzjonijiet meħtieġa fuq bażi pluriennali u annwali.

Il-Kummissjoni tkegġegħ lill-Istati Membri kollha tal-UE-28 u lil pajjiżi terzi oħra biex jieħdu sehem fil-Programm. Il-Programm jagħtihom rikors għal kriterji ta' utilità eċċezzjonali u jagħti sa 80% tal-kofinanzjament tal-UE lill-atturi kollha involuti. Il-kofinanzjament jingħata taħt kundizzjonijiet partikolarment favorevoli jekk parti mill-baġit ġenerali jiġi ttrasferit għall-azzjoni f'pajjiżi b'ING<sup>29</sup> baxx. Il-kriterji tal-utilità eċċezzjonali ma kinux effettivi s'issa. Madankollu, minkejja l-kuntest ekonomiku diffiċli u l-barriera sinifikanti biex jassigura l-kofinanzjament li fadal, il-Programm għadu qed jiġbed livell simili ta' parteċipazzjoni f'pajjiżi b'ING baxx bħal fil-Programm preċedenti.

➤ **Il-Programm wera l-kapaċità ta' rispons u l-flessibilità tiegħu quddiem ntigijiet emerġenti bħall-kriżijiet tr-refuġjati fis-sajf tal-2015**, li taw kontribut sinifikanti għall-politika dwar il-migrazzjoni tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-Programm jagħti wkoll appoġġ għall-ewwel fażi ta' implimentazzjoni tal-Korpi Ewropej ta' Solidarjetà li għadhom kif jiġu stabbiliti, u dan jirrifletti l-valuri Ewropej ta' solidarjetà u azzjoni umanitarja. Permezz tal-Korpi ta' Solidarjetà, iż-żgħażaġħ Ewropej mhux biss se jagħtu għajnuna meta tkun meħtieġa, iżda se jwessgħu wkoll l-esperjenzi tagħhom, japprofondixxu l-fehim kulturali tagħhom, jitgħallmu l-valur tas-servizz lill-oħrajn, u jsaħħu s-sens ta' identità tagħhom bħala Ewropej.

---

<sup>29</sup> Introjtu Nazzjonali Gross

## ► L-effiċjenza qed tittiejeb

Il-Programm iffoka l-baġit limitat tiegħu fuq għażla stretta ta' objettivi u prijoritajiet ewlenin allinjati mal-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni. Fuq din il-bażi, il-parti l-kbira tal-finanzjament ġiet alllokata għal azzjonijiet orjentati lejn ir-riżultati għal politiki moderni dwar is-saħħa, biex tiġi stimulata l-innovazzjoni fis-saħħa u fil-kura tas-saħħa u biex jingħataw għodod, metodi u taħriġ xierqa għal aktar sigurtà u sikurezza fl-UE.

L-objettivi (2) għat-theddid transkonfinali serju għas-saħħa u (4) għall-aċċess għal saħħa aħjar u aktar sigura rċevew komparattivament inqas finanzjament. Madankollu, huma jibbenefikaw minn sinerġiji maċ-Ċentru Ewropew għall-Kontroll tal-Mard għall-valutazzjonijiet, il-ġbir u l-analiżi tar-riskji ta' data epidemjoloġika u AMR. Oqsma tematiċi usa', bħall-promozzjoni tas-saħħa u s-sistemi tas-saħħa, ġew identifikati bħala prijoritajiet mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fi s'tħarriġ elettroniku u minn numru kbir ta' partijiet ikkonċernati tas-saħħa fil-konsultazzjoni pubblika u rċevew l-ogħla ammont ta' finanzjament. Il-promozzjoni tas-saħħa tinkludi azzjonijiet f'oqsma bħal fatturi ta' riskju, informazzjoni dwar mard kroniku u dwar is-saħħa, u sistemi tas-saħħa, inkluża valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa.

Il-Programm introduċa wkoll indikaturi programmatiċi u monitoraġġ fil-livell ta' azzjoni u jinvesti f'attivitajiet ta' disseminazzjoni strateġika. Dawn huma passi deċiżivi li jirrispondu għal rakkomandazzjonijiet preċedenti iżda għad hemm lok għal titjib u biex jitħaffef il-progress.

Barra minn hekk, l-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-programm huma baxxi, meta mqabbla mal-ispejjeż amministrattivi ta' programmi oħra kumparabbli tal-Kummissjoni. L-ispejjeż amministrattivi jirrappreżentaw 9 % biss tal-baġit ġenerali.

► **Ittieħdu miżuri ta' simplifikazzjoni għal regoli u proċeduri li jinkludu l-użu ta' għodod elettroniċi għas-sottomissjoni u l-evalwazzjoni ta' proposti, il-ġestjoni ta' għotjiet, il-monitoraġġ elettroniku u r-rappurtar elettroniku.** Filwaqt li dan l-iżvilupp fil-bidu juża ħafna riżorsi għat-tfassil u l-ittestjar tal-għodod, il-livell ta' sodisfazzjon mill-applikanti u mill-benefiċjarji tal-għotjiet jiġġustifika dawn l-isforzi, u fis-snin li ġejjin mistennija jsiru gwadanji finanzjarji.

## ► Programm żgħir b'valur miżjud kbir għall-UE

Il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE u l-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' tħejjija u r-risponsi għal theddid għas-saħħa hi waħda mill-aktar aspetti qawwija u magħrufa tal-valur miżjud tal-UE tal-Programm. Attivitajiet biex jappoġġjaw il-bini ta' kapaċità kontra theddid għas-saħħa għenu biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jitjiebu l-kapaċitajiet, li wasslu valur miżjud għall-UE u għall-komunità internazzjonali usa'. Dawn servew biex jidentifikaw nuqqasijiet fil-kapaċitajiet tal-Istati Membri, jiprijoritizzaw l-azzjonijiet u jimplementaw attivitajiet ta' bini ta' kapaċità biex jimtlew dawk in-nuqqasijiet. Taw ukoll settijiet ta' għodod u linji gwida, taħriġ u ttestjar tal-mekkaniżmi tat-tħejjija u tar-rispons tal-UE u tal-eżerċizzji tal-assigurazzjoni tal-kwalità esterni

u ppermettew il-kondiviżjonijiet ta' tagħlimiet miksuba minn tifqigħat riċenti u minn kriżijiet tar-refuġjati.

Il-Programm jgħin ukoll lill-Istati Membri jżidu l-kapaċitajiet tagħhom f'oqsma oħra: il-ġbir tal-għarfien, tal-għarfien espert u tar-riżorsi fl-UE jżid l-aċċess ekwu taċ-ċittadini għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja u jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inguwaljanzi tas-saħħa kemm ġewwa kif ukoll bejn l-Istati Membri tal-UE. Pereżempju, permezz tal-24 Network Ewropew ta' Referenza dwar il-mard rari fejn teżisti l-possibbiltà li l-ġbir tal-għarfien espert jitkabbar għal mard kumpless ieħor fil-futur qrib. Anki permezz tal-kollaborazzjoni bejn il-korpi tal-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa tal-UE biex jagħtu għodod u standards komuni li jappoġġjaw miri ewlenin tal-politika bħall-aċċessibilità, il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa filwaqt li joffru l-potenzjal għal ekonomiji ta' skala sinifikanti. Eżempju ieħor hu l-appoġġ li jingħata lin-Netzwerk tas-Saħħa ELETTRONIKA biex jitjebu l-interoperabbiltà u l-istandardizzazzjoni meħtieġa għall-iskambju transkonfinali ta' data dwar is-saħħa u biex jiġu promossi infrastrutturi ta' servizz diġitali fis-saħħa pubblika.

Il-kooperazzjoni, l-użu u l-qsim tal-għarfien għandu valur miżjud għoli għall-UE: il-ġbir u l-analiżi ta' data kumparabbli li tpinġi s-sitwazzjoni tas-Saħħa f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE-28 (profili tal-pajjiżi) jikkontribwixxu għal djalogu politiku u teħid ta' deċiżjonijiet infurmati għall-politika tas-saħħa. L-iskambju u l-implimentazzjoni tal-aqwa prattika għall-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard ukoll għandhom valur miżjud għall-UE, li jistgħu jgħinu lill-Istati Membri fir-riformi tas-saħħa tagħhom biex jegħlbu theddid għas-sistemi tas-saħħa tagħhom minn tibdil demografiku u mill-piż ta' mard li ma jitteħidx u kundizzjonijiet kroniċi oħra.

### ► **Ħidma f'koerenza u żvilupp ta' sinerġiji**

Il-Programm huwa allinjat mal-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 168 tat-TFUE u tal-SDG, u jiżgura biex jimmassimizza s-sinerġiji mal-politiki u l-istrumenti l-oħra tal-UE bħall-Orizzont 2020.

Il-Programm iżomm il-partikolarità tiegħu minħabba li jiffoka fuq il-kooperazzjoni tal-politika tas-saħħa. Juża r-riżultati tal-azzjonijiet ta' riċerka u jittestja r-riżultati tagħhom f'sitwazzjonijiet reali f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri. L-għan hu li jgħin lill-Istati Membri jfasslu u jimplimentaw il-politiki tagħhom stess sabiex jibnu Ewropa soċjali b'saħħitha filwaqt li jqisu r-restrizzjonijiet baġitarji u l-ħtiġijiet għal riformi tas-sistema.

Biex isaħħaħ dawk l-azzjonijiet effettivi u jagħmilhom partijiet integrali tal-politiki tas-saħħa nazzjonali tal-Istati Membri, il-Programm għandu jkompli jħeġġeġ il-kooperazzjoni mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej<sup>30</sup> u ma' strumenti finanzjarji oħra tal-UE. L-użu effettiv ta' tali strumenti finanzjarji kbar jista' jkollu impatt ikbar milli kieku jintuża l-Programm waħdu,

<sup>30</sup> [https://ec.europa.eu/health/health\\_structural\\_funds/used\\_for\\_health\\_mt](https://ec.europa.eu/health/health_structural_funds/used_for_health_mt)

billi jibni għarfien u kapaċitajiet għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni u billi jappoġġja innovazzjoni u effettività għal investimenti tas-saħħa.

#### **4. KIF TISTA' TITJIEB L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM**

Wara l-valutazzjonijiet ex-post tat-tieni Programm tas-Saħħa, il-Kummissjoni impenjat ruħha biex taħdem fuq tliet aspetti ewlenin tat-tielet Programm tas-Saħħa, kif iddikjarat fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Mejju 2016<sup>31</sup>: Dawn l-impenji kienu li:

(a) jitjiebu l-isforzi ta' monitoraġġ, rapportar u disseminazzjoni

(b) titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha u l-pajjiżi parteċipanti l-oħrajn, u li taħdem mal-Istati Membri kollha, b'mod partikolari dawk bi ħtiġijiet ikbar tas-saħħa pubblika; u

(c) li jiġu żviluppati sinerġiji mal-prijoritajiet ewlenin u ma' programmi oħra tal-Kummissjoni.

Dawn il-punti għadhom validi u l-Programm se jkompli jaħdem fuq dawn l-oqsma. B'mod partikolari għad-disseminazzjoni tar-riżultati li hu qasam fejn ix-xogħol irid jitħaffef kemm jista' jkun.

Barra minn hekk, u kif issuġġerit fil-valutazzjoni ta' nofs it-terminu, il-Programm għandu jibqa' ffukat fuq kwistjonijiet fejn jista' jinkiseb valur miżjud tal-UE. Dawn l-oqsma jaqgħu prinċipalment taħt l-oġettivi tal-protezzjoni kontra t-theddid għas-saħħa ta' natura transfruntiera u l-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sigura. Għall-prijoritajiet taħt l-oġettiv tal-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem biex tiddefinixxi l-ħtiġijiet konkreti fl-Istati Membri<sup>32</sup> fejn l-integrazzjoni tal-aqwa prattiki f'politiki nazzjonali tista' twassal għar-riżultati mistennija u l-impatt fuq is-saħħa tal-popolazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema tas-saħħa.

Ir-rabtiet mal-SDG u mal-aġenda tal-politika usa' tal-Kummissjoni u tal-UE se jittejjbu sabiex jipprijoritizzaw aħjar l-azzjonijiet u jżidu l-impatt. Dan l-approċċ jista' jżid ukoll il-viżibbiltà tal-Programm u jagħti spinta lir-rwol tiegħu fl-isfera internazzjonali minkejja l-baġit modest tiegħu.

Il-kriterji tal-valur miżjud għall-UE jistgħu jiġu ssimplifikati aktar għal applikanti potenzjali u jistgħu jinftiehem aktar faċilment bl-użu ta' eżempji konkreti.

<sup>31</sup> COM(2016) 243 final [https://ec.europa.eu/health/programme/policy/2008-2013/evaluation\\_mt](https://ec.europa.eu/health/programme/policy/2008-2013/evaluation_mt)

<sup>32</sup> [http://ec.europa.eu/newsroom/sante/newsletter-specific-archive-issue.cfm?newsletter\\_service\\_id=327&newsletter\\_issue\\_id=2820&page=1&fullDate=Fri%2017%20Mar%202017&lang=default](http://ec.europa.eu/newsroom/sante/newsletter-specific-archive-issue.cfm?newsletter_service_id=327&newsletter_issue_id=2820&page=1&fullDate=Fri%2017%20Mar%202017&lang=default)

## 5. KONKLUŻJONI

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu kienet pożittiva u sabet li l-implimentazzjoni tal-Programm qiegħda fit-triq it-tajba. Il-prijoritajiet tematiċi kollha jibqgħu validi u l-parti l-kbira tal-azzjonijiet jagħtu riżultati utli b'valur miżjud għoli għall-UE, b'mod partikolari għall-immaniġġar tal-kriżijiet u għas-sigurtà u s-sikurezza fl-Ewropa.

Il-konsultazzjoni pubblika miftuħa għibdet l-attenzjoni ta' għażla wiesgħa ta' partijiet interessati u tat appoġġ b'saħħtu għal kooperazzjoni kontinwa permezz tal-Programm, b'mod partikolari f'oqsma bħall-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u s-Saħħa Elettronika.